**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs.**

**Kareem Ouled El Hadj**

Numru 71/2020

Illum 16 ta' Frar 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Kareem Ouled El Hadj**, ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, bin Antonia xebba Pisani, imwieled Pieta' nhar id-29 ta' Lulju 1995, residenti gewwa 78, Carmen, Triq Sant'Enriku, Sliema u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 329295(M)

akkuzat talli gewwa *The Convenience Shop* fi Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida u f'dawn il-Gzejjer, nhar il-15 ta' Frar 2020 u zminijiet ta' qabel:

1. ikkommetta serq ta' oggetti u cioé flus kontanti u/jew xi oggetti ohra, liema serq li sar ghad-dannu ta' Stanislas Zammit u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-"valur" li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), huwa ikkwalifikat bil-"persuna" meta jsir minn apprendist, kumpann fix-xogħol, ħaddiem, professur, artista, suldat, baħri jew impjegat ieħor, fid-dar, fil-ħanut, fl-uffiċċju, fil-kwartier, fuq il-bastiment, jew f'post ieħor li fih ikun daħal minħabba s-sengħa, professjoni jew impieg tiegħu, huwa ikkwalifikat bil-"mezz" meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra, b'imfietaħ foloz, jew bi skalata, kif ukoll huwa kkwalifikat bil-"hin" meta jsir bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tordna lill-imputat sabiex jirrestitwixxi lill-partijiet offizi kull haga minnu misruqa jew li jhallas lill-imsemmija partijiet dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens jew hsara ohra kagunati u dan skond l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reat addebitat lilu, fost liema, kemm il-Prosekuzzjoni u kif ukoll id-difiza nfurmaw lill-Qorti li piena ta' prigunerija effettiva jew dik sospiza ma tkunx il-piena idonea li ghandha tinghata lill-imputat u dana ghar-ragunijiet imsemmija minnhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali (Dok. "CS 1" – *a fol.* 9) tieghu (li hija wahda kwazi kompletament nadifa) u kif ukoll dak li nghad kemm mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reat addebitat lilu u ghall-ghajnuna li l-imputat ghandu bzonn jinghata minhabba l-problemi tieghu. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex jigi applikat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dana sabiex l-imputat jigi mghejjun biex jaghraf u jimxi fit-triq it-tajba.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(b), 261(c), 261(d), 261(f), 263(a), 267, 268(d), 270, 278(1), 278(2), 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Kareem Ouled El Hadj hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Kareem Ouled El Hadj taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-imputat Kareem Ouled El Hadj bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reat li tieghu nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Kareem Ouled El Hadj.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**